ĦAL GĦAXAQ

Minuti tal-laqgħa Nru. 38 tal-Kunsill Lokali ta' Ħal Għaxaq li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, nhar it-Tlieta 2 ta' Awwissu 2011, fis-1.30pm.

| **Preżenti** | **Il-Membri** |
|---|---|
| Is-Sindku | Is-Sur Emanuel Vassallo |
| Il-Viċi Sindku | Is-Sur Joe M. Abdilla |
| Il-Kunsillieri | Is-Sinjura Rose Agius<br>Is-Sur Angelo Attard<br>Is-Sur Alan Picco |
| Uffiċċjali | |
| Is-Segretarju Eżekuttiv | Is-Sinjura Therese Xuereb |

Aġenda

1. Minuti;
2. Tagħrif mill-Minuti;
3. Korrispondenza;
4. Materji Finanzjarji a) Petty Cash Lulju 2011;

   b) Skeda ta' Ħlas Lulju 2011;
5. Toroq;
6. Suġġerimenti mill-Kunsilliera.

1. **<u>Minuti</u>**

Il-Minuti tas-Seduta Nru 37 ittieħdu bħala moqrija.

Is-Sindku staqsa kienx hemm rimarki. Peress li ma kienx hemm rimarki huwa ppropona li jkunu adottati. Issekonda l-Kunsillier Picco.

Il-Kunsill qabel unanimament.

2. **<u>Tagħrif mill-Minuti</u>**

Is-Sur Edward Bonello tal-MFEI infurmana li l-iffirmar tad-devoluzzjoni tat-Turretta ser issir nhar il-Ħamis, 4 ta' Awwissu, 2011, fid-9.30am.

Dwar item 3.1 is-Sindku attenda għal laqgħa li saret dwar il-*playing fields* fejn fiha intqal li l-persuna li se tieħu ħsieb dawn il-*playing fields* irid kuljum jara li dawn jinsabu fi stat tajjeb. Is-Sindku qal ukoll li ħarġet skema biex jiġu irranġati l-*playing fields.*

Dwar item 7.a Is-Sindku, il-Kunsillier Agius flimkien mas-Segretarju attendew għal laqgħa mat-*Transport Malta* fejn iddiskutew is-sitwazzjoni tat-trasport f'Ħal Għaxaq.

3. **<u>Korrispondenza li rċieva l-Kunsill:- ( Posta & emails)</u>:-**

1. Mid-Dipartiment irċevejna Memo 63/2011 dwar Skema ta' Finanzjament ta' Proġetti Speċjali f'Lokalitajiet Żgħar .
Memo 64/2011 – *Playing Fields* tal-Kunsilli Lokali b'Tagħmir li jista' jkun perikoluż.
Memo 65/2011 – Skema dwar Inizjattivi t'Attivitaijiet 2012.
Memo 66/2011 – Skema ta' Finanzjament għal Titjib fil-*Playing Fields* Eżistenti u l-formola annessa.
Għarrfu wkoll dwar Gwida dwar Segretarji Eżekuttivi li jkunu waslu għal eta' tal-Pensjoni.

2. Mill-AKL irċevejna dwar is-sistema l-ġdida tal-hlas tal-kera.
Irċevejna Ċirkulari dwar il-WSC, fejn għarrfu li meta jsir rapport ta' ħsara irid ikun hemm id-dettalji mportanti msemmija u wkoll dwar il-fethim li sar bejn l-AKL u l-WSC fir-rigward tar-*re-instatements*.
Bagħatu wkoll dwar l-Appell 65/2006/9 – Dr. I. Sammut vs Kumitat Konġunt Żejtun.
Infurmaw dwar l-Applikazzjoni HENCE ġewwa Lauco, l-Italja bejn is-7 u l-10 ta' Settembru, 2011 biex tiġi nnominata persuna. Il-passaġġ tal-ajru jrid jitħallas mill-Kunsill.

3. Mill-MEPA rċevejna dwar Applikazzjonijiet ġodda ta' żvilupp PA 722/11 dwar kostruzzjoni ta' *terraced house* fi Triq il-Ġebelin.
Infurmaw ukoll dwar il-bilanċ disponibbli tal-UIF statement of funds huwa ta' € 21,698.13.
Dwar PA 4522/07 fejn saru x'emendi żgħar fil-proġett tal-*Housing Estate*, fejn infurmaw li laqgħa tal-board ser issir fit-3 t'Awwissu, 2011.
Għarrfu wkoll dwar l-Appell tal-permess PA 421/10 tas-Sur J.Desira fejn dan instema fis-27 ta' Lulju, 2011.
Infurmaw dwar laqgħa li ser isir fil-21 ta' Lulju, 2011, fuq id-*Determination of*

*Planning Control Application* PC 0086/07 sabiex jiġi stabbilit l-għoli tal-bini u l-wisa' fi Triq tal-Barrani estiż għal Triq il-Ġistakor sa Bir id-Deheb, fl-istess waqt jiġi stabbiliti ir-*residential area* f'sit tal-Barrani, Zejtun Rd., Wesgħa ta' Bir Id-Deheb u Triq il-Ġistakor.
Notifika ta' Avviż f'sit Tax-Xieref.
Anness Id-DCC.

4. Mill-OPM irċevejna Ċirkulari dwar l-Użu tal-Karrozza Privata waqt il-Ħinijiet tax-Xogħol fir-rigward tar-rimbors. Dan għandu jkun ta' 0.31 euro per Km skond Ċirkulari 6/2011.

5. Mit-Transport Malta fejn infurmaw li ġiet approvata ir-*road hump* fi Triq M. Gerada bil-kundizzjonijiet elenkati fl-ittra.
Fir-rigward tat-trasport pubbliku l-Kunsill talab sabiex jiltaqa' mal-Arriva u Transport Malta, fejn ma' dawn tal-aħħar il-Kunsill ltaqa' fis-27 ta' Lulju, 2011.

6. Irċevejna risposta minn naħa tal-HSBC u l-APS Bank, fejn għarrfuna li mhux interssati li titwaħħal *ATM machine*. Is-Segretarju qalet li l-BOV kienu nteressati, għaldaqstant saret laqgħa ma' rappreżentanti tal-BOV u ġew jaraw l-post fejn tista' tiġi nstallata *ATM machine*.

7. Mingħand Barbros Group fejn bagħatu sabiex nissetiljaw il-bilanċ pendenti li fadal ta' € 20,228.23 dwar ix-xogħol li sar tal-ground. Il-Kunsill qabel li jgħaddi pagament ta' € 10,000 lill-*Barbros Group*.

8. Is-Sur R. Sciberras dwar id-delega tal-Infurzar tal-Liġijiet.

9. Mingħand is-Sur Bonnici dwar is-servizz tal-ambulanza fil-festi tal-lokal.

10. Mingħand *Strand Electronics Ltd*. dwar kwotazzjoni għal *colour laser printers*.

11. Mingħand il-MEUSAC fejn għarrfu li ser isir *seminar* dwar *Roadmap towards a Resource Efficient Europe – 28.07.2011*.

12. Mingħand is-Sur Joseph C. Azzopardi, fejn infurma lill-Kunsill li ser jirriżenja minn Membri tal-Kumitat tal-Finanzi. Ġie deċiż li tintbagħat risposta lis-Sur Azzopardi fejn jintalab jikkonsidra ir-riżenja tiegħu.

13. Mill-IPSL fejn infurmaw li l-ħaddiema tagħhom ma jistgħux jintużaw sabiex iwettqu xogħol ta' żebgħa tat-toroq peress li l-Kunsilli Lokali għandhom kuntratt sabiex ikun jista' jsir dan ix-xogħol.

14. Mill-WasteServ fejn infurmaw dwar il-'*European Week for Waste Reduction'*, din ser tiġi organizzata bejn id-19 u s-27 ta' Novembru, 2011.

15. Mingħand is-Sur Gafa', fejn għarraf lill-Kunsill li ser isir Lejla Kariżmatika fil-31 ta' Awwissu, 2001, fil-Pjazza tal-*Housing Estate* u għaldaqstant qed jitlob għall-permess għal din l-attivita'.

16. Stedina lill-Kunsill Lokali għal Programm Vokali u Strumentali ta' Santa Marija li ser isir fil-11 t'Awwissu, 2011, fil-Pjazza tar-raħal.


Kunsill Lokali – Ghaxaq – Local Council
15, Vjal il-Labour, Ghaxaq; Tel: 21664888; Fax: 21665454
E-mail address: ghaxaq.lc@gov.mt

**Korrispondenza li ntbagħatet mill-Kunsill:- ( Posta u e-mails):-**

a) Intbagħatet e-mail lill-Onor. G. Pullicino sabiex jigwidana dwar il-Miżuri 125 li titratta dwar għoti ta' konkos fis-sqaqien u toroq mhux urbani.

## 4. Materji Finanzjarji

*4.1.1* *Petty Cash*: Is-Segretarju elenkat infieq li sar mill-flus fl-idejn matul Lulju 2011 u li kienu jammontaw għal €26.75. Il-Viċi Sindku qara l-lista tan-nefqiet li saru u ressaq l-istess lista għal kummenti u l-approvazzjoni tal-membri tal-Kunsill. Talab li jiġu miġbuda mill-Bank €26.75 biex is-Segretarju jkollha biżżejjed *cash flow*.
Il-Kunsill qabel, wara li l-proposta kienet sekondata mill-Kunsillier Attard.

*4.1.2* *Skeda ta' Ħlas – Lulju 2011*: Is-Segretarju poġġiet fuq il-Mejda Skeda ta' Ħlasijiet għax-xahar ta' Lulju 2011 u li jammontaw għal €14,660.27 . Is-Sur Abdilla qara lista tal-pagamenti u wara ressaq l-approvazzjoni tal-Iskeda tal-Ħlas u ġie sekondat mill-Kunsillier Agius. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 5. Toroq

Is-Sur Abdilla qal li kien hemm nies li lmentaw minħabba li nqalgħu t-toroq ħmistax biss qabel il-festa ta' Santa Marija. Is-Sur Abdilla kompla jgħid li dawn sal-festa suppost tlestew.
Is-Sindku qal li x-xogħol tal-*mains* tal-ilma dalwaqt ikun lest iżda kien hemm il-ħtieġa li jsir xogħol tat-telefon qabel jibdew it-tqaxxir.
Is-Sindku kompla jgħid li dwar il-biċċa art li tinsab ħdejn il-gawnd tal-futbol li l-Kunsill kien iddeċieda li ssir bit-tarmak, din se tiġi tiswa madwar €18,000 jekk issir bħala *extension* ma' tal-PPP. Ġie deċiż li tinġieb kwotazzjoni.

## 7. Suġġerimenti mill-Kunsilliera

a. Is-Sindku qal li jeħtieġ issir li *sleeping police* ta' Vjal il-Labour, kif ukoll xi xogħol tal-Millieri u Triq ir-Rebbiegħa bil-*hot tarmac*, dan ix-xogħol irid isir mil-kuntrattur tal-*patching*. Il-Kunsill qabel.

b. Is-Sindku qal li l-*Greenpak* se jipprovdu *skips* għat-tlett ijiem tal-*Concert* u jixtiequ li titwaħħal *banner* li għaliha l-Kunsill ma' sab ebda oġġezzjoni. Qal ukoll li navżaw il-kuntrattur tal-knis biex jieħu ħsieb inaddaf it-toroq minn fejn jgħaddi l-marċ tal-festa.

c. Is-Segretarju qalet li l-offerti tal-*photovoltaic* se jgħaddu għand l-Inġinier biex jiġi evalwati. Il-Kunsill qabel.

**9. Aġġornament**

Is-Sindku fl-4.30pm aġġorna s-Seduta għal nhar it-Tlieta 6 ta' Settembru 2011, fis-1.30 pm.

**Emanuel Vassallo**
Sindku

**Therese Xuereb**
Segretarju Eżekuttiv

**Ikkonfermati:- It-Tlieta 6 ta' Settembru 2011 fis-1.30pm**